Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,963, 7 ta' Settembru, 2012
Taqsima B

A.L. 290 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Pharmacy – M.Pharm. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Pharmacy – M.Pharm. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Pharmacy – M.Pharm. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 27 tal-2012, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

"(3) L-applikanti li għandhom il-grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri wara li jkunu temmew b'suċċess programm ta' studju mifrux fuq ħames snin, ikunu eliġibbli biex japplikaw għall-programm ta' studju fuq bażi *part-time*.

(4) L-applikanti li għandhom il-grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew Għadda wara li jkunu temmew b'suċċess programm ta' studju mifrux fuq ħames snin, ikunu eliġibbli biex japplikaw għall-programm ta' studju fuq bażi *part-time* jekk jissottomettu portafoll li jkopri tlett snin prattika f'qasam relatat mal-farmaċija."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-ordinament 4(1).

5. Il-paragrafu (2)) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) Il-programm ta' studju għall-gradwati tal-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) mifrux fuq ħames snin li beda bejn l-1995 u l-2006 għandu jinfirex fuq semestru ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time*."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

6. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jiżdied wra l-paragrafu (2) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali:

"(3) Il-programm ta' studju fuq bażi *part-time* msemmi fil-paragrafu (4) tal-ordinament 3 għandu jkun magħmul minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 30 krettu u għandu jkun magħmul mit-taqsimiet studju li ġejjin:

Patient Care Management
Pharmaceutical Regulatory Affairs
Research Paper."

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

7. L-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-ordinament 9(1).

8. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għall-istudenti li jsegwu l-programm ta' studju ta' 30 krettu għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju tal-ħames sena tal-kors tal-Bachelor of Pharmacy (Honours) kif ukoll fuq ir-riżultati miksuba fit-30 krettu tal-programm ta' studju."